# Kronaka mill-Mużew Wignacourt

Minn Joseph G Scerri

## Wirjiet

Fil-Mużew Wignacourt kompliet għaddejja l-ħidma permezz tal-membri tal-istaff u artisti differenti sabiex jittellgħu numru ta' wirjiet. Dawn kienu:

- Wirja retrospettiva ta' pittura mill-artist Damian Ebejer mit-8 sad-29 ta' Settembru 2022.
- Wirja esklussiva mill-artist Matthew Cassar bl-isem *Visual Impressions* mill-1 sat-23 ta' Ottubru 2022.
- Wirja esklussiva ta' pittura mill-artisti Tony Calleja u bintu Diane Agius bl-isem *Yours and Mine* mit-3 sat-27 ta' Novembru 2022.
- Wirja esklussiva ta' xogħlijiet tal-arti mill-artist Joseph Barbara bl-isem *Versatility* mit-3 sat-28 ta' Diċembru 2022.
- Wirja esklussiva ta' pittura mill-artist Mario Cassar bħala parti mill-Agape Festival fi Frar.
- Wirja esklussiva ta' pittura mill-artist Anthony Luciano Cauchi bl-isem *Inspiration* mis-6 sal-25 ta' Marzu 2023.
- Wirja esklussiva ta' pittura mill-artist Joe Genovese bl-isem *Portraits* mit-2 sat-23 ta' April sponsorjata mill-Kunsill Lokali Rabat.
- Wirja esklussiva ta' pittura mill-artista Milena Trajkovsku bl-isem *Conceptual Expressions* mis-7 sad-29 ta' Mejju 2023.

## Tnedija ta' Kotba

- Il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru, ġie mniedi l-ktieb *Rabat Sacrum*, kitba ta' Thomas Freller u Mons Gwann Azzopardi. F'serata ppreseduta mill-Arċisqof Mons Charles J Scicluna tkellmu s-Sur Sandro Craus, Sindku tar-Rabat, l-Arcipriet tar-Rabat il-W.R. Kan Joseph Mizzi u s-Sur Daniel Cilia bħala l-fotografu li f'idejh kienu fdati l-ammont kbir ta' ritratti kif ukoll l-issettjar tal-ktieb. Dan il-ktieb li kien il-ħolma ta' Mons Ġwann Azzopardi, ġie ppubblikat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat u jinsab għal bejgħ mill-Kunsill Lokali tar-Rabat.
- Il-Ġimgħa 25 ta' Novembru fl-okkażjoni tal-10 snin anniversarju mill-ftuħ mill-ġdid tal-Mużew Wignacourt, ġie mniedi l-ktieb *Non Omnis Moriar*. Dan il-ktieb jiġbor fih sensiela ta' kitbiet minn awturi u studjużi diversi dwar temi differenti li ġew ppubblikati f'Festschrift ad unur Mons Ġwann Azzopardi. F'serata mtellgħa fil-kuritur tas-sular ta' fuq tal-Mużew Wignacourt saru diskorsi minn Dr Petra Caruana Dingli, President tal-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina u s-Sur Mario Gauci, Arkivista fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina u Dr Philip Farrugia Randon, studjuż u ħabib ta' Mons Azzopardi. Dan il-ktieb interessanti jinsab għall-bejgħ mill-Mużew Wignacourt.

## Donazzjonijiet

Din is-sena l-Mużew ħa ħsieb li jitpoġġew għall-wiri ġo vetrini apposta r-rigali li l-Q.T Papa Franġisku rregala lill-Bażilika ta' San Pawl fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu li seħħet f'April tas-sena l-oħra. Dawn huma l-lampadarju tal-bronż bl-istemma tiegħu ddedikat lis-Santwarju tal-Grotta ta'



*Il-kalċi mħolli lill-Mużew Wignacourt fit-testment mill-mibki Mons Ġwann Azzopardi.*

San Pawl kif ukoll il-karlotta ffirmata minnu stess. Dawn illum jinsabu fis-sala li fiha hemm esebiti donazzjonijiet oħra ta' papiet tal-imgħoddi fosthom Pawlu V, Gwanni XXIII u Benedittu XVI.

F'din l-aħħar sena saret ukoll pedata sabiex fuqha tiġi esebita s-sedja maħduma mill-kartun li kienet sar għat-tribuna li kienet twaqqfet fil-Pjazza tal-Parroċċa fis-sena 2010 fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa Benedittu XVI fir-Rabat. Din is-sedja kienet ġiet użata mill-Papa Benedittu nnifsu.

Din is-sena wkoll il-Mużew Wignacourt laqa' bħala oġġeti mħollija fit-testment tal-mibki Mons Ġwann Azzopardi l-kalċi preġġjat tiegħu li llum jokkupa postu fis-sala fejn jinżammu l-fided fl-istess mużew, l-abbozz tal-pittura tat-titular tal-Oratorju xogħol Gianni Vella li juri l-Madonna tal-Karmnu, l-abbozz li juri lil Mons Antonio Buhagiar ex Kappillan tar-Rabat xogħol ta' Mario Caffaro Rorè, flimkien ma' numru ta' kwadri oħra li kellu fil-pussess tiegħu, kif ukoll l-insinji u d-dekorazzjonijiet tiegħu stess.

Mons Azzopardi ħalla wkoll il-kollezzjonijiet tal-kitbiet u r-riċerka tiegħu, il-kollezzjonijiet ta' kotba fuq l-Appostlu Missierna San Pawl, il-kotba preġġjati ta' inċiżżjonijiet u kotba rari li akkwista. Dawn illum jinsabu kollha fl-arkivju u fid-depożitarju tal-Parroċċa fil-Quarto Rettorale anness mal-Muzew Wignacourt.

## Żjarat lill-Mużew

- In-Nunzju Apostoliku ġdid tal-Vatikan għall-Malta, l-E.T. Mons. Arċisqof Savio Hon Tai-Fai, żar il-Mużew Wignacourt nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2022. Hu kien milqugħ mill-Arċipriet Kan. Joseph Mizzi u l-Operations Manager tal-Mużew is-Sra. Judith Valletta. Wara li ġie mdawwar mas-swali diversi tal-Mużew, in-Nunzju ltaqa' wkoll mal-istaff preżenti. Mons Hon Tai-Fai twieled f'Hong Kong fl-1950 u ordna bħala Saċerdot fl-ordni tas-Sależjani ta' Don Bosco fl-1982. Huwa serva bħala Nunzju Apostoliku għall-Greċja mill-2017 sal-2022 meta mbagħad ġie maħtur Nunzju għal Malta.
- Is-Sibt 28 ta' Jannar 2023 żar il-Mużew l-E.T. Dr George vella, President tar-Reppubblika ta' Malta flimkien mas-Sinjura Vella. Din iż-żjara saret bħala parti mill-festival Agape. Huwa kien milqugħ mill-Arċipriet Kan. Joseph Mizzi u l-Kumitat tal-Fondazzjoni Paulus li torganizza l-Festival Agape. L-istaff tal-mużew dawwar lill-President mad-diversi swali tal-Mużew.

## Fl-Arkivju Storiku tal-Parroċċa

Wara l-mewt ta' Mons Ġwann Azzopardi kellna nidħlu għal biċċa xogħol kbira li nduru l-ammont kbir ta' dokumenti li huwa kellu f'kull kamra tal-*Quarto Rettorale*, id-dar tar-Rettur, li hemm annessa mal-Mużew Wignacourt. Wara dan beda s-sistemizzar ta' dawn il-karti f'kaxxi apposta sabiex ikunu arkivjati kif suppost u b'mod li jinstabu u jkunu jistgħu jintużaw għar-riċerka. Dan ix-xogħol għadu għaddej u sibna l-għajnuna ta' xi voluntieri fosthom is-Sur Lawrence Sammut, is-Sra Nathalie Azzopardi, is-Sur Jeremy Debono u s-Sur George Camilleri. Lil dawn nirringrazzjawhom tal-ħin u d-dedikazzjoni tagħhom. Minn hawnhekk nagħmlu l-appell tagħna biex aktar nies joffru l-għajnuna tagħhom ħalli b'hekk insalvaw dan il-patrimonju u nkunu nistgħu nagħmluh aktar aċċessibbli għall-pubbliku.



*Żjara min-Nunzju Appostoliku, l-E.T. Mons Hon Tai-Fai SDB nhar it-30 ta' Diċembru 2022.*